**ADPD – The Green Party**

**Sottomissjoni ta' ADPD dwar l-abbozz tal-istrateġija għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla 2022-2030**

**"Malta's National Strategic Action Plan for Further and Higher Education 2022-2030"**

## Introduzzjoni

L-abbozz tal-istrateġija għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla 2022-2030 jagħmel sunt tal-istat tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta. Filwaqt li kien hemm titjib sostanzjali fin-numru ta' persuni li jagħżlu li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom wara l-età obbligatorja, u filwaqt li nifmhu li l-istrateġija hija mmirata lejn l-edukazzjoni avvanzata u ogħla ma nistgħux ma nenfasizzawx li hija filfatt l-edukazzjoni bikrija, primarja u sekondarja li tħoll u torbot, li tissoċjalizza u tnibbet fit-tfal u ż-żgħażagħ l-kurżità, il-gost fit-tagħlim, u l-interess fis-soċjetà u fid-dinja ta' madwarhom.

Inħossu li l-punt tat-tluq, emfassizzat fl-abbozz huwa repetutament l-allinejament tal-edukazzjoni mal-interessi ekonomiċi, minflok mal-allinejament tal-ekonomija mal-interessi u l-ġid tas-soċjetà. Nifmhu li huwa diffiċli għal pajjiż żgħir li b'xi mod jaffettwa l-ekonomija globali, iżda nemmnu li edukazzjoni bikrija, primarja u sekondarja, u anke dik avvanzata u ogħla iffukata fuq l-iżvilupp uman tgħin biex tkun l-ekonomija li tintagħġen madwar il-ħiliet fil-pajjiż, u mhux bil-kontra. Nipproponu wkoll li għandu jkun hemm strateġija u diskussjoni fil-fond, li torbot aktar flimkien is-saffi kollha tal-edukazzjoni, edukazzjoni għall-ħajja, għal parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, u għall-gost tat-tagħlim fih innifsu. L-istrateġija tagħmel aċċenn għal dan, iżda mbagħad l-prinċipji elenkati jerġgħu jiffukaw fuq l-interessi kważi esklussivament ekonomiċi.

## Il-prinċipji fid-dokument

1. *The Maltese context, identity, cultural heritage and language shall be a central element across all objectives and targets of the strategy.*

Huwa ironiku li filwaqt li l-abbozz f'prinċipju numru 1 jitkellem dwar il-kuntest, l-identità, il-wirt kulturali u l-lingwa tal-pajjiż, bil-kontra ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, awtorità pubblika mhux kapaċi tippubblika dokument strateġiku bil-lingwa nazzjonali. L-effett tal-kolonjaliżmu baqa' jinħass anke fil-aġenziji pubbliċi. Aspett li huwa nieqes mill-istrateġija hija analiżi ta' kif l-użu kważi esklussiv tal-Ingliż fis-sistema edukattiva jista' jkun qed ifixkel l-iżvilupp edukattiv ta' numru mdaqqas ta' studenti, ta' kif l-użu kważi esklussiv ta' materjal ippubblikat fir-Renju Unit, b'eżempji u kuntesti estranji għal ħafna studenti qed jaljenahom u jrendi t-tagħlim ineffettiv.

Anke pajjiżi relattivament żgħar, b'lingwi nazzjonali mitkellma mill-ftit kapaċi jużaw u jiżviluppaw il-lingwa f'oqsma speċjalizzati u tekniċi. F'Malta min-naħa l-oħra drajna t-triq il-faċli li nikkuppjaw u nirkbu fuq is-sistema Ingliża mingħajr ma nħarsu madwarna u naraw

x'qed jiġri fil-kontinent. Biex prinċipju numru 1 jitwettaq, hemm bżonn imbuttatura mill-istat biex jiġu żviluppati riżorsi bil-Malti, fosthom riżorsi diġitali bażiċi bħall-ċekkjaturi. Huwa ta' għajb li għodda daqshekk bażika għadha mhix mifruxa u li l-gvern qatt ma' poġġa din bħala prijorità.

Dan ma jfissirx li l-ħiliet fl-Ingliż mhux importanti, imma meta studenti jifmhu s-suġġetti sew, jarawhom relevanti għal ħajjithom u l-identità tagħhom hija affermata mill-iskola, allura l-ħiliet anke f'lingwa oħra, ewlenija fosthom l-Ingliż, jiżviluppaw aktar, aktar ma jimmaturaw fil-vjaġġ edukattiv tagħhom. Hija ħrafa li huwa bżżejjed li l-istudenti tispjegalhom u tgħallimhom esklussivament bl-Ingliż, kif min qatt kien fi klassi jaf sew.

L-isfida hija li l-kultura tal-ispeċjalizazzjoni kmieni fis-sistema edukattiva, u l-kultura tal-qasma bejn ix-xjenzi, t-teknoloġija u suġġetti umanistiċi, fosthom il-lingwi, jagħmluha aktar u aktar diffiċli biex jiġu żviluppati riżorsi, u l-ħiliet tal-għalliema li jżewwġu s-suġġetti partikolari mar-realtajiet tal-kuntesti soċjali differenti, mal-użu tal-lingwi inkluż il-Malti, u mal-kuntesti lokali, Ewropew u internazzjonali. Pjan fit-tul huwa nieqes.

Wasal iż-żmien ukoll li istituzzjonijiet edukattivi, mhux biss dawk avvanzati u ogħla, jikkoperaw aktar ma' istituzzjonijiet, kulleġġi, u universitajiet tal-Unjoni Ewropea lilhinn mid-drawa 'għażżiena' ta' ikkupjar mis-sistema tar-Renju Unit. Aktar ma' niddakkru minn sistemi differenti, minn modi ta' tagħlim differenti aktar niżviluppaw u nsiru pajjiż kunfidenti. L-identità Ewropea tissaħħaħ aktar ma nkunu kunfidenti bħala pajjiż li mhux kopja ta' xi pajjiż ieħor. Aspett nieqes mill-abbozz huwa kif l-identità tista' tiżviluppa anke meta tintgħaġen ma' kulturi diversi.

Minkejja prinċipju numru 1, l-abbozz ftit li xejn jindika kif dal-prinċipju se jiġi implimentat fil-prattika.

2. *Malta shall maintain a high quality level of further and higher education provision, accessible to all students, irrespective of their social economic background and responsive to their needs and circumstances throughout their lives.*

L-aċċessibilità għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla tiżdied meta l-edukazzjoni 'titkellem' mad-dinja tal-istudenti. Kull studenta u student huwa differenti minn student u studenta oħra. Il-bżonnijiet tal-istudenti mhux neċessarjament huma 'l hekk imsejjħa 'bżonnijiet' tal-ekonomija. Huwa pożittiv li hemm firxa akbar ta' għażliet fl-iskejjel sekondarji. Wasal iż-żmien biex niżguraw iżda l-edukazzjoni sekondarja tkun aktar ġenerali, li t-tagħlim speċjalizzat għandu jinżamm għal wara l-iskola obbligatorja. Kull student għandu jiġi espost għal tagħlim ġenerali anke f'affarijiet prattiċi, manwali u artistiċi. Huma l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni post-obbligatorja li għandhom jinbidlu, u mhux kompitu tal-edukazzjoni obbligatorja li jgħallmu, eżempju, l-matematika għal min jagħżel li jkun matematiku, jew ix-xjenza għal min jagħżel li jkun xjenzat. Dan it-tip ta' tagħlim ibbażat fuq pataflun kontenut qed igerrex ħafna studenti, u qed irendi l-iskola f'xi ħaġa li għandek 'tissaporti' minflok lok ta' soċjalizazzjoni, u gost.

Qiegħed ukoll ifisser li faxx ta' studenti qed jagħlqu l-bieb għat-tagħlim. Il-kwalità ma tfissirx kontenut vast, il-kwalità tfisser li l-istudenti fil-primarja u s-sekondarja jitgħallmu jesprimu ruħhom b'modi differenti, li jiġu esposti għal modi ta' għarfien differenti, għal edukazzjoni ġenerali għall-ħajja, fosthom għal edukazzjoni għal ċittadinanza attiva. F'dan il-

kuntest il-metodu ta' trasmissjoni tat-tagħlim għadu l-metodu prinċipali tat-tagħlim fl-iskejjel tagħna, tul t-traġitt kollu tat-tagħlim. Metodu li qed iħalli ħafna vittmi.

Huwa magħruf li meta studenti jimmaturaw ikunu kapaċi jassorbu aktar ħiliet u kontenut partikolari għas-suġġetti li jinteressawhom. Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla għandhom jaraw kif issir it-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni obbligatorja u dik post-obbligatorja billi anke huma jbiddlu l-mentalità li l-istudenti huma xi reċipjent li timla bl-informazzjoni. L-iżvilupp tal-potenzjal ta' kull studenta u student għandha tkun il-mira aħħarija.

Is-sistema terzjarja ma għandhiex tibqa' tikkundizzjona l-kumplament, imma meta jkun hemm riforma, ikun hemm *streamlining* li jagħmel sens. Il-qasam terzjarju għadu jippretendi li l-istudenti fis-sekondarja ikunu mfassla b'mod wieħed partikolari u statiku, li baqa' ma aġġornax maż-żminijiet.

Ta' min wieħed jemfasizza li aktar speċjalizazzjoni fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla m'għandhiex tfisser li għandha tibqa' l-mentalità tas-swar madwar dixxiplini differenti. L-abbozz tal-istrateġija jagħmel xi referenzi għal interdixxiplinità, għal bżonn ta' edukazzjoni li tagħraf l-isfidi soċjali u ekoloġiċi li qed niffaċċjaw, u għall-globalizazzjoni tal-edukazzjoni. Hemm bżonn iżda pjan b'miri li jpoġġi dawn l-osservazzjonijiet fil-prattika.

Hemm bżonn li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla jiġu mbuttati biex joffru għażliet interdixxiplinarji fil-korsijiet tagħhom. Huwa essenzjali li korsijiet tekniċi u xjentifiċi jinkludu tagħlim u proġetti dwar l-impatti tat-teknoloġija u l-applikazzjoni tax-xjenza fuq is-soċjetà, fuq id-dinja ta' madwarna u fuq l-għażliet etiċi li niffaċċjaw. Għandu jkun hemm il-possibilità li studenti jħalltu, kemm fid-diplomi tekniċi u professjonali, kif ukoll fl-istudji tal-baċċellerat, suġġetti umanistiċi ma' dawk tekniċi, soċjoxejntifiċi u soċjotekniċi. Anke studenti ta' suġġetti umanistiċi għandhom japplikaw t-tagħlim għal temi soċjali u prattiċi, u jiġu esposti għal temi soċjoxjentifiċi. Inħossu li l-eżempji msemmija fl-abbozz huma mill-qasam xjentifiku. Qisu aspetti oħrajn m'għandniex għalfejn nizviluppawhom. L-aspetti soċjali u kreattivi ma jidhrux.

Għalkemm in-numru ta' nisa qabeż dak tal-irġiel fl-edukazzjoni terzjarja, hemm bżonn jiġi eżaminat il-fenomenu ta' żbilanċ kbir, fejn in-nisa huma iffukati f'ċerti oqsma u mhux oħrajn. Dan ifisser li l-edukazzjoni fit-totalita` tagħha u partikolarment dik terzjarja trid tagħmel analizi tal-ontoloġija tagħha li taf li tkun qed tiffavorixxi ġeneru fuq ieħor.

L-istudenti fid-dinja barra l-istituzzjonijiet edukattivi se jissejħu biex jirrispondu għall-bidliet fis-soċjetà u fid-dinja ta' madwarhom li mhux dejjem prevedibbli. Se jsibu sfidi bħala membri tal-familji tagħhom, bħala ċittadini, u bħala professjonisti. Mhux biżżejjed li jkuu jafu biss il-kontenut dejjaq ta' suġġett partikolari, u li jkollhom biss ħiliet tekniċi li għandha bżonn l-ekonomija, iżda biex verament jipparteċipaw fil-ħajja tal-pajjiż u bħala residenti u ċittadini Maltin u wkoll ċittadini Ewropej u tad-dinja għandhom bżonn il-ħiliet li jifmhu d-dinja ta' madwarhom, li kapaċi jaġixxu b'mod etiku fil-ħajja professjonali tagħhom, u jagħrfu li dak li tgħallmu fil-klassi mhux it-tmiem tat-tagħlim. L-akbar suċċess tal-edukazzjoni hija li titgħallem titgħallem, u li tuża t-tagħlim għall-ġid mhux biss tiegħek iżda tad-dinja ta' madwarek. Li titgħallem tkun inqas egoist u aktar miftuħ għall-bidla neċessarja. Għandna niżviluppaw pedagoġija kritika, fil-kuntest Malti, ta' pajjiż miftuħ għad-dinja.

3. *Further and higher education institutions shall maintain their autonomy and shall be encouraged to collaborate with emphasis on research and curricular development to remain relevant, diverse, and efficient particularly during and after the economic recovery from the Covid-19 pandemic.*

4. *There should be strong synergy and coordination between all stakeholders based on clear assignment of roles and responsibilities. Mutual learning and cooperation shall form the essence of this coordination.*

Nipproponu mudell ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla li torbot l-akkademiku mal-prattiku. L-akkademiku mal-professjonali, u l-interdipendenza tat-tagħlim liberali mal-prattika professjonali u vokazzjonali. Mudell li jżarma s-swar madwar id-dixxiplini akkademiċi u professjonali. It-tagħlim liberali jipprovdi l-istudenti b'kapaċitajiet intellettwali li jgħinhom jagħmlu sens u jirriflettu fuq ir-realtajiet tal-ambjent ta' madwarhom u fuq posthom fid-dinja. It-tagħlim professjonali huwa wkoll essenzjali għax iħarreġ vokazzjonalment f'oqsma tekniċi. Ħiliet li wkoll jistgħu u għandhom jintużaw biex iseddqu l-ġid komuni. Huwa possibbli li l-edukazzjoni liberali u professjonali, bi sforz iffukat u mhux mingħajr diffikultajiet prattiċi u loġistiċi, jiddakkru minn xulxin biex tikber l-importanza tal-prinċipji tar-responsabilità soċjali u ekoloġika fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

5. *Channels for information and dissemination shall be reinforced to ensure access to information on different education services and open communication with the general public.*

6. *Evidence-based, systematic, and effective monitoring, evaluation and performance review shall be based on relevant comparable data collection.*

7. *The strategy shall be supported by sustainable funding and a strong legal, policy and governance framework.*

Prinċipji 5-7 huma ġenerali ħafna, u għaldaqstant ma tantx hemm x'wieħed jikkummenta fuqhom. Minflok qed nipproponu viżjoni ibbażata fuq tliet prinċipji għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

**Tliet prinċipji għal edukazzjoni għall-iżvilupp uman**

Nipproponu tliet prinċipji li fuqhom nemmnu li l-interventi, l-politika u l-istrateġija edukattiva għandhom ikunu msejsa.

***i. Il-kapaċità għall-vuċi***

Il-kapaċità għall-vuċi hija l-kapaċità li persuna tesprimi l-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet tagħha b'mod effettiv, u tipparteċipa fil-ħajja tal-komunitajiet li hija parti minnhom b'mod sħiħ. L-edukazzjoni, b'modi addattati għal kull livell edukattiv għandha issaħħaħ l-ħila tal-

parteċipazzjoni demokratika fejn il-persuna tieħu sehem fil-proċess tad-deċiżjonijiet. Edukazzjoni għal ċittadini attivi mhux edukazzjoni għal 'ħaddiema ubbidjenti'.

Strateġija għall-edukazzjoni li tagħti importanza lill-iżvilupp tal-kapaċità għall-vuċi tal-istudenti tbiddel in-narrattiva li għandu jkun hemm taħriġ ipprovdut mill-istituzzjonijiet edukattivi 'għax hekk hemm bżonn għall-ekonomija' skont l-*istakeholders*, bħallikieku l-istudenti se jagħżlu professjoni flok oħra 'għax hekk hemm bżonn ekonomikament', għal sistema fejn iż-żgħażagħ huma parteċipanti attivi fl-għażliet kemm ta' suġġetti, dixxiplini u ħiliet li għandhom bżonn għall-futur tagħhom. Sistema li tirrikonoxxi id-diversità u l-kapaċitajiet u interessi differenti tal-istudenti, f'livelli differenti, dixxiplini differenti, modi differenti ta' tagħlim eċċ.

### *ii. Ħiliet għat-trasformazzjoni soċjali, ekoloġika u ekonomika*

Il-mira tal-ippjanar tal-ħiliet għandha tinbidel minn 'ippjanar għall-profitt' u għaldaqstant għal ippjanar biex jissawru 'ħaddiema ubbidjenti' li jiffaċilitaw il-profitt, għal ippjanar għat-trasformazzjoni soċjali, ekoloġika u ekonomika neċessarja għal soċjetà aktar ġusta.

Dak li huwa relevanti jinbidel minn x'għandha bżonn l-ekonomija għal kif għandha tkun ekonomija li taqdi lin-nies, lill-komunitajiet u lis-soċjetà. Kif għandna nbiddlu l-ambjent tal-komunitajiet ta' madwarna? X'inhuma l-ħiliet li hemm bżonn għal ekonomija li taqdi lin-nies, lis-saħħa tagħhom, kemm fiżika u mentali?

Fil-viżjoni tagħna x-xogħol u għaldaqstant l-edukazzjoni li tipprepara, fost affarijiet oħra għax-xogħol ukoll, għandha tinkludi xogħol soċjalment utli, u xogħol ta' żvilupp tal-komunità. Ix-xogħol u l-attivitajiet ekonomiċi kollha għandhom jikkontrobwixxu għall-ġid tas-soċjetà.

### *iii. Istituzzjonijiet edukattivi għas-servizz tas-soċjetà*

L-istituzzjonijiet edukattivi għandhom primarjament ikunu għas-servizz tas-soċjetà, billi joffru firxa ta' korsijiet biex jilħqu u jiżviluppaw firxa ta' interessi ta' studenti differenti. Għandhom ikollhom l-għeruq fil-kuntest soċjokulturali tal-pajjiż. Edukazzjoni 'strumentali' hija dimesjoni waħda biss tal-edukazzjoni, li nħossu li tingħata attenzjoni sproporzjonata fl-abbozz tal-istrateġija. Il-valur intrinsiku tal-edukazzjoni u l-edukazzjoni bħala 'ħelsien' u żvilupp uman għandhom jingħataw aktar importanza u jkunu l-bażi tal-viżjoni għall-istrateġija għall-edukazzjon avvanzata u ogħla.

Dr Ralph Cassar
Segretarju Ġenerali
ADPD – The Green Party
09.01.2023